MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tal-5 ta' Dicembru, 2007

Numru 865/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Mario Haber)**

**vs**

**Antoine Borg**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Antoine Borg, ta’ 23 sena ta’ Nazzjonalita Maltija, iben Anthony u Phyllis nee Seguna imwieled San Giljan, fid-29/11/1981, joqghod Villa Los Angeles, Triq Zejni, High Ridge, St. Andrews, u detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 68382M gie akkuzat talli:

i) Talli fit-2 ta' Ottubru 2004 u fil-jiem ta' qabel din id-data, f'Malta, bil-hsieb illi jaghmel xi qliegh li jkun, ghen, assista, ta parir jew habbrek biex persuni ohra jidhlu jew jaghmlu tentattiv biex jidhlu jew johorgu minn Malta bi ksur tal-Ligijiet ta' Malta, jew li sew f'Malta sew barra minn Malta kkongura f'dak is-sens ma' xi persuni ohra u dan bi ksur ta' l-Artikolu 337A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
ii) U aktar talli fit-2 ta' Ottubru 2004 u fil-jiem ta' qabel din id-data, f'dawn il-gzejjer assocja ruhu flimkien u/ma xi persuna jew persuni ohra f'Malta jew barra minn Malta bil-ghan li jaghmlu delitt f'Malta (reat bi ksur ta' l-Artikolu 337A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta) li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 48A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali bin-Nota tieghu datata 24 ta' Frar, 2005 (Ara fol. 81 tal-process) u nnutat li l-imputat m'ghandhux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta tallum l-imputat iddikjara li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega' wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur u Dr. Stephen Tonna Lowell ghall-imputat iddikjaraw li jaqblu li t-tieni akkuza migjuba kontra l-imputat li tinkwadra ruhha fl-artikolu 48A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta hija assorbita fl-ewwel akkuza li tinkwadra ruhha fl-artikolu 337A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. L-istess Ufficjal Prosekutur u Dr. Stephen Tonna Lowell ghall-imputat iddikjaraw li jaqblu li f'din il-kawza ma gewx esebiti oggetti

li jistghu ikunu soggetti ghall-konfiska u dan qieghed jinghad ghar-rigward tat-talba maghmula mill-Avukat Generali a tenur tal-artikolu 23 tal-Kodici Kriminali fin-Nota tar-Rinviju datata 24 ta' Frar, 2005.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 337A, 48A, 20 u 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Antoine Borg, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluza l-fedina penali tal-imputat u bl-assorbiment tat-tieni akkuza fl-ewwel akkuza tikkundanna lill-imputat Antoine Borg ghall-piena komplessiva ta' ghaxar t'elef Liri Maltin (Lm10,000) multa.

Fid-dawl ta' dak dikjarat mill-Ufficjal Prosekutur u Dr. Stephen Tonna Lowell ghall-imputat fil-Verbal tas-Seduta tallum riportat aktar qabel f'din is-sentenza rigward l-artikolu 23 tal-Kodici Kriminali moghti mill-Avukat Generali fin-Nota tar-Rinviju datata 24 ta' Frar, 2005, il-Qorti tastjeni milli tipprovdi ghat-talba maghmula mill-Avukat Generali  a tenur tal-artikolu 23 tal-Kodici Kriminali fin-Nota tar-Rinviju datata 24 ta' Frar, 2005.

Finalment il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna lill-imputat Antoine Borg sabiex minnufih ihallas lir-Registratur tal-Qrati s-somma ta' hamsa u ghoxrin Liri Maltin u hamsin centezmi (Lm25.50) rappresentanti l-ispejjes inkorsi rigward l-inkarigu tal-espert nominat PS 36 Sergio Azzopardi bhala espert tal-fotografija fl-Inkjesta li Proces Verbal taghha jinsab esebit fl-atti ta' din il-kawza bhala Dok. RB1.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------